**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GĦR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : Għargħur.lc@gov.mt Website : www.Għargħur.gov.mt**

***Minuti tal-Laqgħa Numru 53 tas-Sitt Kunsill Lokali li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta 15 t'April 2014 fis-6.00 p.m.***

**Presenti :**

| | |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Viċi Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Christopher Fenech |
| | Alfred Muscat |
| | Vincent A Galea |
| **Ambaxxtriċi Żgħażugħa** | Rebecca Chircop (Skużata) |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Louise-Anne Gusman |

**53/01 Talba**

53/01/01 Il-laqgħa bdiet fis-6.07 ta' filgħaxija billi ntqalet it-talba.

**53/02 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 52.**

53/02/01 Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati u iffirmati l-Minuti tal-Laqgħa Numru 52/06. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv (SE) iffirmaw il-Minuti tal-Laqgħa 52/06.

**53/03 Punti mtella' mill-Minuti tal-Laqgħa 52**

53/03/01 **Para 52/03/02**:- ***Tender* għax-xiri u installazzjoni ta' *lifter***: Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-laqgħa mal-uniku applikant kienet saret u kienu attendew ukoll il-Perit Dieter Falzon, il-Kunsillier Alfred Muscat u s-SE. Is-Sindku ta dettalji dwar din il-laqgħa fejn il-kuntrattur ġie infurmat li importanti li x-xogħol kollhu jitlesta sal-aħħar ta' Mejju 2014. Ġie unanimament approvat li l-offerta' għall-provista u installazzjoni ta' *lifter* mingħand is-Sur Carmel Abela ta' *Comfort Chairs* tiġi aċċettata. Ġie approvat li tinħareg il-*Letter* of *Acceptance* filwaqt li s-Sindku u s-SE ġew awtroizzati sabiex jiffirmaw il-kuntratt.

53/03/02 **Para 52/03/03**:- **It-Torri tas-Semoforu**: Is-SE infurmat li għad trid tiċċekkja l-Polza tas-sigurta' u ser issegwi l-formola tal-ARMS rigward il-*metres* tad-dawl u l-ilma. Is-SE ser tieħu ħsieb ukoll tirranġa appuntament ħalli l-Kunsillieri ikunu jistgħu jżuru t-Torri.

53/03/03 **Para 52/03/04**:- **Ġnien tal-Ponta**: Is-SE infurmat li għadha se toħroġ l-*works order* lil ELC għal *Landscaping Works* peress li nbiddlu xi xogħolijiet fuq dan il-ġnien. B. Grima & Sons Ltd kienu ikkonfermaw li jistgħu jipprovdu l-*picnic tables, bins* u bankijiet *custom made* skont id-disinni li kienu approvati mill-MEPA u fil-ammonti meħtieġa mill-Kunsill u s-SE kienet ħarġet il-*purchase order*. Is-SE għandha tkompli issegwi mal-kuntrattur sabiex dan jipprovdi stima sabiex isir il-*coping*. Il-Kunsill unanimament approva t-tlett kontijiet li bgħatt il-Perit għall-ispejjez professjonali. Is-SE infurmat li hija bgħatet il-formoli lill-*Paying Agency* imma il-*Paying Agency* kienet għadha ma għadditx il-pagamenti kollha għax kienu qed jaħdmu fuq proġett ieħor. Is-SE għandha tkompli ssegwi ħalli jkun jista' jitħallas il-kuntrattur.

53/03/04 **Para 52/03/05 :- Triq San Gwann**: Is-SE infurmat lill-Kunsill li hija reggħet kitbet lit-Transport Malta (TM) dwar il-*bollards* li tkissru fi Triq San Ġwann. Is-SE intalbet tkompli ssegwi t-tiswija tal-*bollards* u t-twaħħil tal-*cats eyes*.

53/03/05 **Para 52/03/06 :- Laqgħa mas-*CEO* tal-*Green MT* –** Is-SE reggħet infurmat lill-Kunsill li ntbgħatu ħafna *reminders* biex jiġu fornuti l-boroz il-grizi imma s'issa il-Kunsill għadu ma rċieva l-ebda konsenja. Il-Kunsill insista mas-SE sabiex tagħmel laqgħa mal-*Green MT* kif ukoll sabiex issegwi l-pagamenti dovuti. Il-Kunsillier Alfred Muscat offra li jgħin f'dawn in-negozjati peress li hu kien attenda l-laqgħa li kienet saret.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-sejħa għall-offerti għas-servizz tal-ġbir tal-iskart imħallat inħarget flimkien mas-sejħa għas-servizz ta' Perit u tal-Latrina li għandhu nkorporat fih il-ftuħ u għeluq tal-Ġnien il-Paċi. Dawn l-offerti se jagħlqu fl-20 ta' Mejju 2014.

Is-SE infurmat li għandha taħdem fuq l-aħħar sejħa pendent, dik għax-xiri u twittija tal-konkos fi Sqaq il-Maħruq.

Sadanittant is-SE kitbet lil-Dipartment għal-Gvern Lokali (DGL) ħalli titlob estenzjoni fuq il-Kuntratt tal-iskart imħallat sakemm jiġi aġġudikat u ffirmat il-kuntratt il-ġdid.

53/03/06 **Para 52/03/08**:- ***Euro Clean:*** Is-SE infurmat li għad trid tiċċekkja l-kontijiet mingħand il-*Euro Clean*. Sadanittant il-kuntrattur kien infurmaha li l-avukat tiegħu kien ser jikteb dwar l-ammonti dovuti għaż-żieda fil-prezz tad-*diesel*. Ġie unanimament deċiż li hekk kif nirċievu mingħand l-avukat nitolbu direzzjoni mingħand id-Dipartment għal Gvern Lokali (DGL).

53/03/07 **Para 52/03/09 :- Festival tal-Ħalib 2014** – Il-Kunsill iddiskuta l-attivita' kif ukoll ir-rendikont tad-dħul u l-ħruġ. Is-Sindku rringrazzja kemm lill-Kunsillieria li għenu kif ukoll lis-SE tal-koordinazzjoni tal-attivita' flimkien mal-istaff amministrattiv. Is-SE intalbet tiġbor l-irċevuti u tibgħat talba lid-DLG ħalli tinħareġ l-għotja sabiex jinfdew parti mill-ispejjez.

53/03/08 **Para 52/03/10 :-** Is-SE infurmat li għadha qed tistenna mingħand il-*Paying Agency* aktar dettalji ta' kif għandha issir it-tabella.

53/03/09 **Para 52/03/11:- *Live Streaming*:** Ġie innotat li s-servizz jidher li qed jaħdem tajjeb. Saret diskussjoni dwar hux possibbli li l-filmati tal-laqgħat jinċammu fuq il-*website* ħalli jkunu jistgħu jiġu aċċessati. Il-Kunsill qabel li s-SE tkellem lill-Kuntrattur sabiex jgħidilna jekk din l-*option* hijex possibbli. Is-Sindku staqsa lis-SE dwar il-linja l-ġdida tat-telefon mingħand *Melita Cable* u jekk din tistax tintuża sabiex jidħlu telefonati fuqha. Is-SE ser tiċċekkja u tinforma lill-Kunsill. Is-SE intalbet ukoll tibgħat il-talba lid-DLG ħalli tinħareg l-għotja sabiex jinfdew parti mill-ispejjez sabiex jiġi installat is-servizz tal-*Live Streaming*.

53/03/10 **Para 52/03/12:- Ilment 18114083204463 –** Is-SE infurmat li hija għad trid tikteb lit-TM dwar il-postijiet fejn iridu jeħlu t-*traffic humps*.

53/03/11 **Para 52/03/13**:- **Plakek ħdejn postijiet storiċi:-** Is-SE infurmat li dawn il-plakek se jiswew €70 il-wieħed mingħajr twaħħil. Il-Kunsill talab li tinġieb stima bit-twaħħil b'kollox kif ukoll disinn ta' kif ser isiru.

53/03/12 **Para 52/03/14:- Kunċert Mużikali:** Il-Kunsillier Muscat informa lill-Kunsill li hu kien tkellem mal-*Manager* tal-Orkesta Nazzjonali u ġie deċiż li ssir laqgħa mal-Kunsill ħalli dan is-suġġett jiġi diskuss aktar fid-dettal. Sadanittant hu kien tkellem ukoll mal-Kapillan u dan qallu li hu jaċċetta li jsir kunċert fil-Knisja Parrokkjali. Il-Kunsillier Muscat ser jieħu ħsieb jagħmel appuntament għall-laqgħa msemmija.

53/03/13 **Para 52/03/15:- *Business Plan* 2014 -2017:** Is-SE infurmat li għad trid tibda taħdem fuq dan id-dokument.

53/03/14 **Para 52/03/16:-** Is-SE infurmat li għad trid tikteb lill-Enemalta sabiex jinkiseb il-permess sabiex titwaħħal bozza ġdida ma arblu fi Triq Dun Karm Fenech kantuniera ma Triq Indipendenza.

53/03/15 **Para 52/03/17:-** Is-SE infurmat li bdiet taħdem fuq l-applikazzjoni tal-*Accessibility Award*. Il-Kunsillier Vincent A. Galea ser jgħin f'din l-applikazzjoni u jekk ikun hemm bżonn ser jieħu r-ritratti sabiex jiġi annessi mal-applikazzjoni. Is-SE u l-Kunsillier Galea għandhom jieħdu ħsieb li din l-applikazzjoni titlesta ħalli tintbagħat fil-ħin.

53/03/16 **Para 52/03/20**:- Is-SE infurmat li ċċekkjat fuq il-Korrispondenza mingħand id-DLG dwar *Capital Vote 7237 – EU funded projects in Localities*.

53/03/17 **Para 52/03/18:- Poloz tas-Sigurta**: Is-SE infurmat il-Kunsill li għad trid tiċċekkja l-poloz eżistenti u peress li dawn il-poloz jagħlqu f"Mejju s-SE intalbet tieħu ħsieb din il-materja mill-aktar fis possibbli.

53/03/18 **Para 52/03/19:- Tberik tal-Annimali:** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li huwa kien irrefera l-istima sabiex jinġiebu żewġ pulizija tal-kavallerija lill-Kumitat Tberik tal-Annimali. Dawn huma tal-fehma li dawn iż-żewġ pulizija ma jinġibux għaliex il-ħlas mitlub ta' madwar €260 hu għoli ħafna u żdied sew fuq ta' snin preċedenti. Il-Kumitat issuġġerixxa li minflok il-Kunsill Lokali bħala parti mis-sehem tiegħu f'din l-attivita' iħallas €200 għas-servizz tal-*iscouts*. Il-Kunsill unanimament qabel ma dan is-suġġeriment.

53/03/19 **Para 52/03/21**:- Is-SE infurmat li l-Perit Falzon bgħatt l-ispeċifikazzjonijiet meħtieġa għat-*Tender* għal-Konkos għall-Sqaq il-Maħruq. Hija għandha taħdem fuq dan it-*Tender*.

53/03/20 **Para 52/03/22**:- Il-Kunsillier Galea nforma li huwa kellu laqgħa mas-Sur Martin Casha dwar il-ġemellaġġ u ltaqgħa wkoll mas-Sur Re. Il-Kunsillier Galea għandu jipprepara ittra sabiex tintbgħat f'isem il-Kunsill.

53/03/21 **Para 52/05/02:- Talba 8114019208583** - Is-SE infurmat li TM kien qed jitolbu aktar dettalji dwar it-talba sabiex tiġi installata *bollard* fi Triq Katerina Sammut kantuniera ma Sqaq Warda. Il-Kunsill innota li issa xi residenti ma kienux qed jaqblu li titwaħħal din il-*bollard*. Ġiet diskussa l-possibilita' li Sqaq Warda jingħalaq għat-traffiku miż-żewġ

naħat permezz ta' tabella li jindikaw li ma jistgħux jidħlu vetturi. Ġie unanimament deċiż li dan is-suġġett jiġi diskuss aktar fil-laqgħa li jmiss.

53/03/22 **Para 52/05/03:- Ilment 18114025208584** - Ilment li f'Wied Anġlu qed jintefa terrapien speċjalment tard filgħaxija jew kmieni filgħodu meta jkun id-dlam. Is-SE nformat lill-Kunsill li kienet kitbet lill-Pulizija kif ukoll lill-MEPA dwar dan.

53/03/23 **Para 52/05/05**:- ***Reserved parking bay* fi Triq Indipendenza** - Is-SE infurmat li għad trid tikteb lit-TM u titlob li din titneħħa.

53/03/24 Il-Kunsill iddiskuta talba sabiex spazju bejn żewġ kaxxi sofor fi Vjal ir-Repubblika jiġi immarkat li hu riżervat għall-muturi. Il-Kunsill unanimament qabel ma dan is-suġġeriment għalkemm innota li jekk tipparkja karrozza żgħira sakemm ma tkun qed taqbez għal fuq il-kaxxi s-sofor ma tista' tittieħed ebda azzjoni.

53/03/25 **Para 52/06/01:-** Korrispondenza mill-*Malta Communications Authority* (MCA) dwar *Be Smart Online-Community Sessions*. Il-Kunsillier Galea ikkonferma li hu ser jieħu ħsieb jikkordina din is-sezzjoni ta' tagħlim flimkien mal-amministrazzjoni.

53/03/26 **Para 52/06/02:-** Korrispondenza mill-UEFA dwar il-*UEFA European under 17 Champonship-Malta 2014.* Il-Kunsillier Galea u s-SE imlew l-applikazzjoni fejn talbu għal 18-il biljett għal logħba li ser issir fid-9 ta' Mejju 2014 bejn Malta u l-Inghilterra. L-applikazzjoni ittieħdet *by hand* mill-Kunsillier Galea.

53/03/27 **Para 52/07/03:-** Il-Kunsillieri Muscat u. Galea ikkonfermaw li ser issir ħarga kulturali għal Marsaxlokk f'Jum San Girgor. Il-Poster ġie ppreparat u r-residenti bdew jibbukkjaw għall-attivita'. Il-prezz għal din il-ħarga hu ta' €0.50. Ġie bbukjat it-trasport għall din il-ħarġa.

53/03/28 **Para 52/07/04:-** Il-laqgħa dwar il-possibilita' li jsir DVD dwar ir-raħal għad trid issir. Għal din il-laqgħa ser jattendu l-Viċi Sindku s-Sur Mark Azzopardi u l-Kunsillier is-Sur Christopher Fenech flimkien mas-SE u ser jiltaqgħu mas-Sur Eusebio Aquilina.

53/03/29 **Para 52/07/05:-** Is-SE infurmat li għad trid tiċċekkja l-aħħar *inspection report* tal-lift kif ukoll tirranġa appuntament mal-inġineer.

**53/04 Approvazzjoni ta' Pagamenti Pendenti**

53/04/01 Ġiet unanimament approvata l-iskeda ta' pagamenti mħallsa u pendenti li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali sad-data tal-laqgħa. Ġiet unanimament approvata ukoll l-iskeda tal-ħlasijiet li saru mill-Petty Cash.

**53/05 Ilmenti u Suggerimenti**

53/05/01 Suġġeriment biex jitwaħħal *bin* ħdejn il-*bus shelter* ta' Triq Giovanni Gafa' u fil-viċinanzi. Il-Kunsill unanimament approva dan is-suġġeriment u ġie deċiż li jinxtara *bin* ġdid.

53/05/02 Talba biex Triq Santa Katerina (il-parti li mir-*roundabout* twassal għas-Swieqi) tiġi *one way except for residents* għaliex kontinwament qed jgħaddu ħafna vetturi kbar. Il-Kunsill Lokali tas-Swieqi diġa qabel ma din il-proposta. Il-Kunsill unanimament iddeċieda li l-ewwel jikkonsulta mar-residenti li joqgħodu fil-parti li hi fil-konfini ta' Ħal Għargħur. Dan isir permezz ta' ittra fejn ir-residenti jintalbu l-opinjoni tagħhom dwar dan is-suġġeriment.

53/05/03 Talba biex titwaħħal mera faċċata tad-dar Saint Tropez fi Triq Santa Katerina għaliex ir-residenta tad-dar mhux qed tara meta toħroġ mill-garaxx. Il-Kunsill unanimament ma qabilx ma din it-talba peress li l-mera ser isservi biss għal residenza privata. Jekk ir-residenta tiddeċieda li tixtri u twaħħal il-mera hija l-Kunsill ma jkollux oggezzjoni.

53/05/04 Talba biex terġa teħel il-mera ta' Triq il-Ġnien għaliex li kien hemm tkissret. Din qeda viċin il-Palazz tal-Kmand. Il-Kunsill unanimament qabel ma din it-talba u ġie deċiż li tinxtara mera ġdida.

53/05/05 Talba biex isir *patching* u jimtlew xi ħofor fi Sqaq il-Ġonna int u sejjer lejn it-Triq tal-Balal għaliex dawn qed jikkawżaw ħsara kbira fil-karozzi. Il-Kunsill unanimament approva li jsir *patching* fi Triq Naxxar skont il-bżonn.

53/05/06 Ilment li f'għalqa fi Triq Sta Katerina k/w Triq tal-Ferħa qed isir bini mingħajr permess tal-MEPA. F'din iż-żona mhux suppost isir bini. Il-Kunsill unanimament iddeċieda li dan l-ilment jiġi mgħoddi lill-MEPA.

53/05/07 Talba biex terġa teħel il-mera ta' Triq 31 ta' Marzu għaliex li kien hemm tkissret. Il-Kunsill unanimament qabel ma din it-talba u ġie deċiż li tinxtara mera ġdida.

53/05/08 Ilment li ta kuljum għal ħabta tal-5am minn ħdejn l-istabbilment il-ġdid tal-*McDonalds* ikun hemm ħafna storbju u ħsejjes u dan qed ikun ta inkonvenjent għar-resident li joqgħodu fil-viċinanzi. Ġie deċiż li nippruvaw inkellmu lill-operaturi tal-*McDonalds*. Ir-resident ġie infurmat li hu ukoll jista’ jkellimhom dwar dan l-ilment.

53/05/09 Il-Viċi Sindku s-Sur Azzopardi talab li jerġa jsir *refreshing tal-markings* tal-Pjazza tad-Dejma u Triq Fidel Zarb. Dan ġie approvat.

**53/06 Korrispondenza**

Ġiet innotata l-Korrispondenza elenkata fil-lista ppreżentata mis-SE fosthom:

53/06/01 Korrispondenza mill-Mepa dwar *A Consultation Document - For an Efficient planning system*- din giet innotata.

53/06/02 Korrispondenza mit-TM dwar *Shifting of a Loading/Unloading parking slot*. Il-Kunsill innota li TM kien biddlu l-opinjoni tagħhom dwar dan is-suġġett kif ukoll naqsu li jagħtu l-approvazzjoni tagħhom sabiex tinbena bankina kif talab oriġinarjament ir-resident. Il-Kunsill innota ukoll li jekk din il-*parking bay* titneħħa ser ikun hemm ħafna problemi għaliex distributuri ta’ servizzi essenzjali bħal tal-gass, tad-dqiq, tal-minerali u tal-iskart mhux ser ikollhom fejn jieqfu sakemm jaqdu lir-residenti ta’ Sqaq Charlotte, Triq Fidiel Zarb, Triq San Ġorġ, Triq Ferdinand, Triq il-Ġnien u Triq Kromb il-Baħar. Fiċ-

ċirkustanzi l-Kunsill unanimament ma qabilx mat-talba ta' TM u ġie deċiż li niktbu lura lit-TM u nsostnu li ladarba ma nstabx post alternattiv din il-*parking bay* għandha tibqa' fejn qeda. Għandna ngħidu ukoll kemm residenti ser ikunu milquta ħażin jekk tiġi implimentata d-deċizjoni ta' TM. Il-Viċi Sindku s-sur Azzopardi qal li diversi residenti diġa tkellmu miegħu u urew ir-rabja tagħhom għal problemi li ser jinħolqu u ma jistgħux jifhmu kif arranġament li ħadem sew għal dawn l-aħħar 15 il-sena jitħassar sabiex tiġi milqugħha talba mhux ġustifikata minn resident wieħed. F'dan il-każ żgur li TM mhux qed tara l-ġid komuni.

53/06/03 Korrispondenza minn resident dwar - *Trash in Xwieki area*. Is-SE ħadet ħsieb li tinforma lill-Kuntrattur dwar it-tindif fl-akwati. Ir-resident irringrazzja l-Kunsill tar-rispons immedjat.

53/06/04 *Invoice* dwar kotba li nxtraw għall-librerija tal-Kunsill mingħand is-Sur Clifford Vella. Din ġiet approvata li titħallas.

53/06/05 Korrispondenza mingħand TCTC dwar *IKIDS 2014 in Gharghur*. Il-Kunsill unanimament approva li jieħu sehem f'dan il-kors għat-tfal tal-Għargħur. Il-kors ser isir in-Naxxar jekk ma jkunx hemm numru imdaqqas ta' konkorrenti. Il-Kunsill approva wkoll li jħallsu €250 biex isir il-*marketing* u jiġi stampat il-programm ta' dan il-kors. Is-SE u s-Sindku ġew awtorizzati sabiex jiffrimaw il-ftehim mat-TCTC.

53/06/06 Korrispondenza mill-Mepa dwar Tribunal-Appell Numru 229/03 u 206/12. Din ġiet innotata mill-Kunsill.

53/06/07 Korrispondenza mill-MEPA dwar *Fuel Service Station Policy*. Din ġiet innotata.

53/06/08 Korrispondenza mid-Dipartiment tal-Promozzjoni tas-Saħħa dwar l-korsijiet tal-*Aerobics*. Is-SE ħadet ħsieb u għaddiet il-kummenti lill-Kapillan.

**53/07 Materja Oħra u Mistoqsijiet**

53/07/01 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li huwa flimkien mas-SE kellhom laqgħa mad-Direttur u mal-Assistant Direttur tad-DGL fejn iddiskutew il-*Private Partnership Scheme* għal kisi bit-tarmak ta' Triq Fra D. Mifsud. Ġie ikkonfermat li d-DGL qed jaqbel li Triq Fra D. Mifsud tinkesa mill-ġdid bit-tarmak wara li jinbidel il-*main* tal-ilma u s-servizz tad-djar. Id-Direttur għandhu jinforma lill-Kunsill wara li dan jiġi diskuss mas-Segretarju Parlamentri s-Sur Stefan Buontempo.

53/07/02 Il-Kunsill iddiskuta inċident fejn resident daħal bil-karrozza tiegħu u kisser ħajt pubbliku fi Triq Għaxqet l-Għajn. Dwar dan kien sar rapport lill-Pulizija. Is-SE intalbet tikteb lir-residenti u tħeġġu jirranġa dan il-ħajt.

53/07/03 Il-Kunsillier Muscat informa lill-Kunsill li meta ġew il-*Qormi Walking Club* għal-mawra fil-Għargħur, huma ħadu gost u ppreżentaw lill-Kunsill tifkira żgħira. Il-Kunsill irringrazzja lill-*Qormi Walking Club* għal dan il-ġest sabiħ.

53/07/04 Il-Kunsillier Galea nforma lill-Kunsill li huwa flimkien mas-Sur Mifsud marru jaraw ix-xelter fejn sabu li dan il-post huwa tajjeb sabiex fih isiru sessjonijiet ta' qari li se jgħati

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GĦR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : Għargħur.lc@gov.mt Website : www.Għargħur.gov.mt**


is-Sur Mifsud. Hu maħsub li f'kull sessjoni jattendu 60 persuna. Il-Kunsill unanimament approva li ssir din l-attivita'

53/07/05 Il-Kunsillier Fenech staqsa fejn waslet it-talba tal-Kunsill sabiex ċerti żoni jingħataw isem. Is-SE intalbet sabiex issegwi ħalli jkollna risposta.

53/07/06 Is-Sindku informa lill-Kunsill li fil-laqgħa li jmiss l-awditur ser jipprezenta l-*Audit Adjustments* ħalli jkunu jistgħu joħorġu l-*Audited Accounts* tal-Kunsill għas-sena 2013.

53/07/07 Is-Sindku f'isem il-Viċi Sindku, l-Kunsillieri u l-istaff awgura l-Għid it-Tajjeb lill-kullħadd.

**53/08 Aġġornament**

53/08/01 Il-laqgħa ġiet aġġornata fit-8.28 pm wara li l-*items* fuq l-Aġenda ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra issir nhar it-Tnejn 28 t'April 2014 fis-6.00 pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Mario Gauci** | **Louise-Anne Gusman** | **28 t'April 2014** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** | **Data** |